MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 49/2009

Kawza fil-lista: 64

**A B**
**vs**
**CC *sive* C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fil-14 ta’ Frar 1987; illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal ; illi l-kontendenti huma legalment separati minn xulxin permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali datat 13 ta’ April 1999 ; illi l kunsens tal-intimata kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, u li l-kunsens inghata bl-esklusjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg u li l-kunsens

tal-intimata kien ivvizzjat b'anomalija psikologika serja li ghamlietha mpossibli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ghat-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta; ghalhekk qed jitlob li dan iz-zwieg jigi ddikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha eccepiet li ma jezistux l-estremi legali sabiex iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti jigi dikjarat null u bla effett ai finijiet tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta stante li hi dejjem qdiet l-obbligi taghha matrimonjali fl-intier taghhom ; u jekk f'kaz jirrizulta li z-zwieg jista' jigi dikjarat null dan mhux imputtabli lilha u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-14 ta' Frar 1987 fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Il-konvenuta topponi ghat-talba attrici, u tghid li semai kien il-kunsens matrimonjali ta' l-attur li kien vizzjat.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu ; u gew mismugha diversi xhieda mill-Assistent Gudizzjarju ;

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu ilhom johorgu flimkien sentejn u 4 xhur, u zzewgu meta l-konvenuta kellha 25 sena. Fi zmien tlett snin kellhom tewmien, u tifla ohra. Wara hajja konjugali ta 12-il sena l-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali ghax ma setghatx tghix izjed mal-attur u saret separazzjoni konsenswali.

*Verzjoni Attur:*

L-attur jghid li l-gherusija qasira li kellhom kienet minhabba li l-ambjent fil-familja tal-konvenuta ma kienx wiehed felici ghax il-missier kien jixrob u l-konvenuta xtaqghet titlaq mid-dar illum qabel ghada.

Jallega li sa mill-bidu nett tal-hajja matrimonjali l-konvenuta kienet tixrob birra u whiskey. Fl-ewwel snin tal-hajja konjugali, oht l-konvenuta flimkien mar-ragel taghha kienu marru jghixu maghhom fid-dar matrimonjali li kienet tikkonsisti f'zewgt ikmamar. B'hekk l-attur kien ihossu skomdu u ssikkat. *'Ir-relazzjoni sesswali ta' bejnietna sfaxxat fix-xejn. Iz-zwieg kien inezistenti, ma kontx inhoss li hemm mara li thobbni, li tirrispettani u li taqsam hajjitha mieghi.'*[1]

Jghid li hu nduna li martu kienet bdiet relazzjoni ma' l-imghallem taghha u dan kien xi hames snin qabel is-separazzjoni. Jiddeskrivi lil-konvenuta bhala *'bniedma irresponsabbli ghall-ahhar'* u mmatura ; u sa minn qabel iz-zwieg u ma kienetx taf xi jfisser zwieg u ma kienetx kapaci tassumi l-obbligi naxxenti miz-zwieg. '*Kienet biss mohha biex tohrog tiddeverti, tixrob u tizfen. Lili ma kienetx tfittxni seswalment u kont ninnota li emozzjonijiet minn naha taghha ma kienx hemm.'*[2] Dahlet il-bruda u l-hajja matrimonjali saret difficli.

*Verzjoni konvenuta:*
Il-konvenuta tghid li missierha fl-gherusija kien iwissiha li l-attur, ghalkemm kien guvni ta' l-affari tieghu, pero kien ghazzien' u 'li jista' jkun li tbati mieghu'[3] Hi kienet konxja li kien mummy's boy. Hadu l-*engagement',* sabu post u missierha xtralhom dan il-post u anke l-ghamara.

Hmistax il-gurnata wara iz-zwieg missierha miet, u l-agir ta' l-attur ma ghenuhiex teghleb dan iz-zmien ikrah. Sena wara twieldu tewmien u l-konvenuta ghaddiet minn *post natal depression.* Fil-fratemp iddejnu u fethu business ta' *Bar u Take Away* ma huha. Sentejn wara, twieldet it-tielet

---
[1] Fol.36
[2] Fol.37
[3] Fol.17

tarbija u ddecidew li ikkabru; u xtraw post akbar. Biex tlahhaq mad-dejn il-konvenuta kellha tohrog tahdem.

Hi tiddeskrivi il-hajja konjugali fl-ewwel 9 snin bhala tajba. L-inkwiet donnhu beda jinqala' malli xtraw il-post. Hi kienet harget tahdem u r-responsabbilita tal-familja kienet waqghet kollha fuqha. Kienu jinqalghu argumenti fuq it-trobbija tat-tifla, li kienu jispiccaw f'tghajjir u anke f' agressjoni.

Kienu marru *counselling* d-dar fejn indikawlhom li *nbena hajt bejnietna u difficli biex inkisruh……..issa wara 10 snin ta' separazzjoni gie jghidli biex ma nehodhiex b'offiza imma jrid l-annulament ghax iz-ziju wieghdu li jekk jizzewweg, ihallilu l-post tieghu. Dan id-diskors qalu lili.'*[4].

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fl-ewwel lok tosserva li fil-fehema taghha l-Qorti ghandha taghti affidament lill-verzjoni tal-konvenuta, milli dik moghtija mill-attur.

Illi mill-provi jirrizulta li kemm l-attur, kif ukoll il-konvenuta meta izzewwgu, kellhom 25 sena u kienu ilhom gharajjes sentejn u nofs. Kellhom zmien bizzejjed biex isiru jafu lil xulxin, kienu jafu x'ser jaghmlu u ghamlu il-preparamenti mehtiega biex jibdew il-hajja matrimonjali. Huma zzewwgu ghax riedu jizzewwgu lil xulxin u jghixu flimikien il-hajja matrimonjali, tant li matulha kellhom tlett-it tfal.

Il-konvenuta tinnega li iz-zwieg kien sar b'xi ghagla *'it-tnejn hadna decizjoni li ma nghagglux……miz-zewg nahat ma ridniex nghagglu imma l-opportunita' la tkun gharusa ic-curkett u ghandna post f'idejna, qisek minghajr ma trid tibda thares il'quddiem "* Il-Kapillan tal-lokal jixhed ukoll fuq dan*: 'ma nimmaginax li ghazlet iz-zwieg bhala evazzjoni mill-hajja tal-familja taghha.'*[5] Jichad li kien hemm xi problemi ta' alcohol u l-problemmi inerpersonali kienu trivjali.

---

[4] Fol.21
[5] Fol.41

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li ma giex provat b' mod sodisfacenti li l-kunsens tal-intimata kien vizzjat kif allegat mill-attur; u ghalhekk it-talba attrici mhijiex gustifikata u qed tigi respinta.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi, tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------